MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 97/1996/1

**Anthony Pace**

**-vs-**

**Anthony Zahra**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi fis-sittax (16) ta’ Settembru ta’ l-elf disa’ mija u tlieta u disghin (1993) l-attur waqt li kien miexi minn Triq Santa Maria, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta’ fil-ghodu (4.45am) gie investit minn vettura tal-marka Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni bl-ittra S-zero, sitta, sitta, hamsa (S-0665) misjuqa minn u proprjeta’ tal-konvenut.

Illi dan l-incident gara unikament minhabba negligenza, imperizja, u nuqqas ta’ tharis tar-rego,amenti tat-traffiku

da part ital-konvenut li fil-mument ta’ l-incident ma kienx qieghed isuq bid-debita prudenza u attenzjoni.

Illi konsegwenza ghal dan l-incident l-attur sofra Danni ingenti konsistenti sew f’danni materjali u kif ukoll debilitazzjoni permanenti f’gismu li tikkagunalu telf ta’ qliegh.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet l-konvenut u s-socjeta’ assikurattrici li biha kienet koperta l-vettura fid-data ta’ l-incident naqsu li jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur.

Talab li din il-Qorti:

1. jekk hemm bzonn tiddikjara illi l-incident oggett ta’ din il-kawza gara unikament minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
2. tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur.
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji spediti fil-15 ta’ Marzu 1994, fil-5 ta’ Lulju 1994, fid-19 ta’ Dicembru 1994, fis-17 ta’ Jannar 1995, u fit-8 ta’ Frar 1995, u ta’ l-ittri ufficjali spediti f’Settembru 1994 u f’Ottubru 1995 u ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ din il-kawza.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispjjez stante illi huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi l-incident de quo sehh bi traskuragni, imperizja u

nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku da part ital-konvenut izda dan l-incident sehh minhabba l-fatt li l-attur qabad u qasam it-triq minghajr ma ha dawk il-prekawzjonijiet bazici u b’hekk gara li gie milqut mill-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dijkarazzjoni gurmanetata u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti li bih innominat lill-konsulent Mr Carmenl J.Sciberras u r-relazzjoni tieghu folio 29 debitament konfermata u mahlufa minnu;

Rat folio 78 in-nota konguntiva tal-partijiet fejn esebew ix-xhieda mismugha fil-proceduri kriminali sabiex jiffurmaw parti minn dawn il-proceduri;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Fil-kuntest tal-incident in dizamina li ta lok ghal din il-kawza, li l-attur ittajjar minn vettura misjuqa mill-konvenut huwa fatt cert li fuqu m’ghandux ikun hemm dubbju, ghaliex altimenti l-versjonijiet tal-partecipanti fl-incident, fir-rigward ta’ kif sehh, huma kemm xejn diskordanti. L-attur jghid li huwa gie imtajjar waqt li kien qieghed miexi fit-tarf tat-triq; il-konvenut jistqarr li tajjar lill-attur billi qasam jigri ghall-gharrieda u laqtu bil-ponta ta’ quddiem tax-xellug tal-karozza u waqa’ bejn il-karozza u l-gebel li kien hemm f’tarf it-triq

Issa, l-fatti, kif jemergu mill-provi, u li jikkoncernaw f’dan l-istadju l-fattur tar-responsabilita’, jistghu jigu sintetikament esposti kif ser jintqal:

- li l-incident in kwistjoni gara fi Triq Santa Maria, Marsalforn, fl-4.30 cirka ta' filghodu;

- li dak il-hin ta' filghodu kien id-dlam u dawl ta' triq ma kienx hemm;

- li l-versjoni l-aktar verosimili hi li l-attur kien gja qasam it-triq meta fegg il-konvenut bil-vettura tieghu minn wara kantuniera;

- li l-velocita' tas-sewqan tal-konvenut kienet moderata u kellhu d-dwal tieghu mixghulin;

- li fi kliem PS Saliba d-distanza bejn il-kantuniera u l-impatt kienet ta' 42 metru; fatt, dan tad-distanza, illi l-konvenut stess jammetti jekk mhu xejn f'kejl ta' circa 30 metru;

- li l-attur intlaqat f'koxtu tax-xellug bil-quddiem xellugi tal-vettura;

- li fit-triq ma kienx hemm la 'break marks' u lanqas tracci ta' demm.

Il-konvenut jakkampa bhala difiza n-negligenza kontributorja da parti ta' l-attur, li hu jsostni, hi manifesta, minhabba li l-attur 'naqas milli josserva l-aktar regolamenti bazici, tat-traffiku, u naqas milli jiehu prekawzjonijiet l-aktar semplici meta kien miexi fi triq (ara nota ta' osservazzjonjiet tieghu, it-tielet paragrafu, folio 122 et seq). Hawnhekk, huwa principju bazilari li l-parti li tkun sofriet il-hsara, tkun ikkontribwiet, jekk tkun hatja ta' nuqqas ta' prudenza, diligenza jew ta' hsieb (Artikolu 1051 Kap 16) u fil-kuntest ta' kontributorjeta' Qorti ta' kompetenza civili trid tara mhux biss jekk l-azzjoni tal-midrub tkun ikkrejat emergenza subitanja lis-sewwieq izda, u ta' aktar rilevanza, trid tindaga u tara x'kienet il-kawza prossima u immedjata ghall-incident. Mill-kwadru li ppresta ruhu fid-dinamika ta' dan l-incident ghandu jirrizulta wisq car li din il-kawza prossima u immedjata hi manifesta unikament fin-nuqqas tal-konvenut li ma zammx 'proper lookout' kif ukoll sostniet l-Qorti ta' l-Appell fis-

sentenza taghha fil-proceduri kriminali, fejn allura l-grad ta' prova hu ferm ikbar minn dik f'Qorti Civili fejn jista' ukoll jigi applikat il-principju ta' "*res ipsa loquitur*". Dik il-Qorti qalet illi " hu abbundantement car li dana [riferibbilment ghall-konvenut] ma kienx qed izomm 'proper lookout' fil-mument tas-sinistru. Infatti hu inkoncebibbli, kif jekk [il-konvenut] kien verament isuq [bi speed moderat, fatt mhux in kontestazzjoni,] dan ma rax lill-attur jaqsam u dana meta l-lilwa fit-triq hi, kif Zahra allega fir-rikors ta' appell tieghu, cirka mitejn pied mill-post fejn intlaqat Pace [*dato ma non concesso* li Pace intlaqat fil-process li kien qieghed jaqsam]. Dan jammonta ghal sewqan traskurat…." U dana kollu meta rrisulta mid-deposizzjoni tas-Surgent illi d-distanza kienet addirittura ta' 42 metru.

Illi mill-provi fl-assiem taghhom u fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi din il-Qorti ssib li l-konvenut ghandhu jigi addossat bir-responsabilita' intiera ghall-incident u l-konsegwenzjali disabilita' sofferta mill-attur fil-persuna tieghu.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni l-kriterji huma dawk provduti fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Dawn jinqasmu f'zewg kategoriji: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qligh futur (*lucrum cessans*).

In kwantu ghad-danni emergemti ma jirrisulta xejn li ghandu jigi likwidat, almenu hekk jirrisulta mill-provi. Ma jirrisultax, per ezempju, li l-attur inkorra xi spejjez ta' sptar jew medicinali jew li tilef xi flus minn paga, bonuses jew allowances jew li tilef xi introjtu iehor minhabba xi xoghol estranju u dana in konsegwenza tal-incident. L-attur innifsu difatti kull ma stqarr taht dan l-aspett hu li m'ghandu l-ebda xoghol iehor u li l-introjtu li ghandu huwa mill-paga biss. Diversament, pero', mill-lat tal-lukri cessanti, fejn jinsab ben definit li l-attur sofra, konsegwenza tal-incident, disabilita' permanenti li giet ikkalkolta fil-percentagg ta' hmistax fil-mija (15%). Din id-disabilita' hija ben accentwata u tikkonsisti filli l-attur kellu

jissottoponi ruhu ghall-intervent kirurgiku li, dejjem konsegwenza tal-incident, spicca b'sieq wahda, dik xellugija, iqsar mill-ohra b'xi tliet centimetri.

Issa l-metodu stabbilit u segwit mill-gurisprudenza fil-kwatifikliazzjoni tad-danni baqa dak promulgat ghall-ewwel darba fil-kawza 'Butler v Heard' permezz ta' liema sistema l-percentwali tad-debilita' u l-qliegh annwali tal-midrub jigu moltiplikati bis-snin tal-hajja lavorattiva tieghu. Il-metodu baqa' principalment dan b'xi modifiki u irfinar, bhal per ezempju, li l-hajja lavorattiva tittiehed sal-massimu ta' l-eta' pensjonabbli, li tittiehed konsiderazzjoni tal-inflazzjoni, u wkoll tac-'chances and changes of life' b'dan pero'li l-kwantifikazzjoni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-qorti. Kif inghad fis-sentenza deciza fil-15 ta' Jannar 2002 mill-Appell fil-kawza 'Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et' li "fil-gurisprudenza gie kemm il-darba mishuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza, dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'".

Intant meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza l-attur kien impiegat mal-Gvern bhala 'watchman', b'paga bazika fis-sena meta sehh l-incident, ossija s-sena 1993, ta' Lm2246 li sas-sena 2001 zdiedet sostanzjalment ghal Lm4399. Kif gja intqal, dan kien l-uniku introjtu tal-attur. Mill-atti dak li jirrisulta hu li l-attur baqa' jahdem fic-cert sas-sena l-ahhar citata, intuwibbli mid-dokumenti esebiti, izda dan hu ghal kollox ininfluenti mill-lat tal-likwidazzjoni. Dak li invece hu inflwenti hu l-fatt li l-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu u bhala l-figura li ghandha tigi likwidata, skond il-kaz, isemmi percentwali ta' mija u ghoxrin (120%) sabiex taghmel tajjeb ghall-inflazzjoni. Il-Qorti pero' hi tal-fehma li minflok ghandha tadotta s-segwenti metodu sabiex tikkompensa l-attur u cjoe' li ser tiehu bhala bazi ta' hajja lavorattiva perjodu ta' hmistax il-

sena, timmultiplikah b'paga bazika annwali ta' tlett telef u tlett mitt lira biex taghmel tajjeb ghall-inflazzjoni u aspettativi ohra, u timmultipika bil-grad ta' disbilita, ossija hmistax fil-mija (15%) kif kalkolat mill-espert minnha nominat. Fic-cikostanzi billi l-incident sehh fin-1993, jigifieri aktar minn ghaxar snin ilu, mhux ser tnaqqas kwint tas-somma risultanti bhala 'lump sum payment. In bazi ta' dan qed tillikwida bhala kumpens lill-attur is-somma ta' sebat elef erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm7425).

Ghaldaqstant, tiddecidi u tiddisponi mill-kawza, billi tilqa t-talbiet tal-attur u ghal fini tat-tieni u t-tielet talba qeghdha tillikwida d-danni fl-ammont ta' sebat elef erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm7425) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata.

L-ispejjez kollha tal-kawza ibatihom l-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureena Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------